**Malta - Ambjent Storiku**

# Iż-Żmien Pre-istoriku

http://schoolnet.gov.mt/preistorja/

## Imsejjes fuq is-Sillabu għas-Sitt Sena ta' l-Iskejjel Primarji

**Imfassal minn Norman C. Borg**

**Verżjoni 5.1**

---

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.



## Kif tuża l-websajt

- Din is-sezzjoni tgħinek biex tuża il-websajt aħjar. Ikklikkja fuq il-buttuni fuq ix-xellug biex tkun tista' tara l-partijiet varji tas-sezzjoni.
- Il-parti fuq l-installazzjoni hija importanti għaliex tispjega kif għandek tinstalla l-elementi differenti tal-programm biex ikun jista' jaħdem sew.
- Jekk ikollok xi problema waqt l-użu tal-programm, fil-parti ta' Problemi Komuni għandek issib soluzzjoni għall-problema tiegħek.
- Ideat għall-Klassi tgħinek timplementa l-programm fil-lezzjonijiet regolari li għandhom x'jaqsmu ma' dan is-suġġett tas-Sillabu.
- Il-parti tas-Sillabu tikkwota dik is-sezzjoni tas-Sillabu kurrenti għas-Sitt Sena Primarja li għandha x'taqsam ma' dan is-suġġett.
- Ipprintja l-Paġni tagħtik verżjoni ta' din is-sezzjoni biex tistampaha fuq il-printer.

## Kumpatibilta' mal-Browsers

Sfortunatament xi elementi ta' din il-websajt ma jidhrux sew jew l-istess fuq l-Internet Browsers kollha. L-aħjar Browser biex tara l-websajt kollha sew huwa l-Internet Explorer (verżjoni 6 u 'l fuq).

Il-websajt ġiet ippruvata fuw l-aktar verżjonijiet riċenti ta' l-aktar erba' browsers popolari. It-tabella t'hawn taħt tagħti ħjiel ta' kif l-elementi varji jistgħu jidhru fuq dawn il-browsers.

| | Internet Explorer | Netscape Navigator | Mozilla Firefox | Opera |
|---|---|---|---|---|
| Verżjoni | 6.0 | 7.1 | 1.0.1 | 7.23 |
| Tipa tal-Malti (Unicode) | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Alt Tags (tal-grafika) | ✓ | ✗ | ✗ | ✗ |
| Rollovers | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Full Screen (F11) | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Shockwave | ✓ | (*) | (*) | (*) |
| Scrollable Textboxes | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| PowerPoint Slideshows | Tiftaħ fil-browser u tissejvja | Tiftaħ il-PowerPoint biss | Tiftaħ fil-PowerPoint u tissejvja | Tiftaħ fil-PowerPoint u tissejvja |
| Dokumenti PDF | Jiftħu fil-browser | Jiftħu fil-browser | Jiftħu fil-browser | Jiftħu separati |
| Fajl EXE | Jiftaħ (Run) u jissejvja | Jissejvja biss | Jissejvja biss | Jiftaħ (Run) u jissejvja |

(*) Dawn il-browsers, malli tittella' paġna bi plugin Shockwave, jagħtuk iċ-ċans li tniżżel il-plugin mis-sit tal-Macromedia. Madankollu il-plugins mhux dejjem jaħdmu sewwa, anke wara li terġa' tistartja l-kompjuter.

## Installazzjoni

F'din il-paġna ssib għajnuna biex tinstalla plugins, software u prodotti oħra li għandek bżonn biex tħaddem il-websajt sew. Issib ukoll istruzzjonijiet biex tniżżel l-websajt sħiħa fuq il-komputers tal-klassi.

### Kif tinstalla l-Acrobat Reader

L-Acrobat Reader tista' tniżżlu direttament mis-sit ta' l-Adobe, il-kumpanija li tipproduċih. Il-programm huwa freeware, jiġifieri bla ħlas.

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.

Ikklikkja fuq il-buttuna ta' l-Acrobat Reader, u din tieħdok direttament fis-sit ta' l-Adobe. Imxi skond l-istruzzjonijiet.

## Ix-Shockwave Plugin

Għandek bżonn din il-plugin biex tħaddem sew il-paġna tal-fdalijiet pre-istoriċi u l-logħba Sib it-Tempju.

- Malli ttella' l-paġni, dawn għandhom jeħduk direttament fis-sit tal-Macromedia jekk il-plugin mhux diġa' nstallat fuq il-kompjuter tiegħek.
- Jekk għal xi raġuni dan ma jiġrix, niżżel programm ta' installazzjoni minn hawn. Malli tniżżel dan il-programm irranjah, u jinstallalek il-plugin għal kwalunkwe tip ta' browser isib fuq il-kompjuter.

## Il-Fajl MSVBVM60.DLL

Dan il-fajl għandek bżonnu biex tħaddem il-Kwiżż fuq il-Windows 98. Sempliċement ikklikkja fuq l-istampa fuq ix-xellug u agħżel Open. Il-fajl jitniżżel fil-folder tal-Windows awtomatikament.

## Il-Fajls tal-PowerPoint

Xi fajls tal-Flash li jinsabu fuq il-websajt għandhom verżjoni tal-PowerPoint ukoll. Din il-verżjoni tista' titniżżel fuq il-kompjuters u taħdem għal rasha mingħajr konnessjoni ma' l-Internet.

Biex tuża sewwa l-fajls tal-PowerPoint fuq il-kompjuters tiegħek mingħajr ma jkun hemm għalfejn taqbad ma' l-Internet, għandek bżonn tniżżel ukoll il-fajls tas-sound magħhom (fajls tat-tip WAV).

- Ikklikkja l-buttuna fuq ix-xellug, u agħżel Open. Dan jinstallalek il-fajls tal-PowerPoint kollha ġo folder imsemmi ZmienPPT, fis-'C:\' tal-kompjuter.
- Biex tħaddem il-fajls, sib id-direttorju ta' kull wieħed u kklikja l-fajl li jispiċċa bl-ittri .PPS.

Il-fajls li għandek tfittex huma dawn:

- Ir-Rivoluzzjoni Neolitika - rivoneo.pps
- Il-Ħajja fil-Pre-istorja - prehajja.pps
- Il-Bini tat-Tempji - bini.pps
- Il-Vantaġġi fil-gżejjer Maltin żmien il-Pre-istorja - vantaggi.pps

Ftakar li jekk trid li l-fajls ikunu fuq il-kompjuters kollha tal-klassi, ikollok bżonn tagħmel din il-biċċa xogħol fuq kull kompjuter.

Fil-websajt hemm żewġ fajls PowerPoint oħra dwar it-tempji tal-Ġgantija u l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. Biex tniżżel dawn fuq il-kompjuter biżżejjed tagħżel 'Save' minflok 'Open' malli tikklikkja fuqhom, u tagħżel fejn tissejvjhom fuq il-kompjuter.

## Kif tniżżel il-websajt kollha fuq il-kompjuters tal-klassi.

Jekk trid, tista' tniżżel il-websajt sħiħa kollha kemm hi fuq il-kompjuter biex tkun tista' tużaha 'offline'.

- Ikklikkja l-buttuna fuq ix-xellug, u agħżel 'Open'. Dan jinstallalek il-websajt sħiħa ġo folder imsemmi ZmienPRE, fis-'C:\' tal-kompjuter.
- Biex tibda l-programm sew, idħol f'dan il-folder, sib il-fajl default.html u kklikkja darbtejn malajr.

Biex toħloq 'shortcut' għall-websajt fuq id-desktop tal-kompjuter:

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.

- ara li jkollok default.html miftuħa fuq l-iskrin;
- fuq parti vojta tal-paġna ikklikkja darba l-buttuna tal-lemin tal-maws;
- agħżel 'Create Shortcut'.

Ftakar li:

- Jekk trid li-websajt tkun fuq il-kompjuters kollha tal-klassi, ikollok tirrepeti din l-operazzjoni fuq kull wieħed minnhom;
- Il-websajt sħiħa tieħu madwar 24Mb, u għalhekk tista' ddum ftit sakemm tinżel kollha minn fuq is-server.

Iċċekkja wkoll li l-verżjoni li għandek fuq il-kompjuter hija l-aktar waħda reċenti. Agħmel dan:

- Mur fil-paġna tal-Għajnuna u Ħajr u Referenzi u ara l-verżjoni kurrenti.
- Agħmel l-istess bil-websajt li għandek fuq il-kompjuter.
- Jekk in-numri tal-verżjoni ma jaqblux, ikklikkja l-buttuna fuq ix-xellug hawn fuq biex iġġedded il-verżjoni. Il-fajls jitbiddlu awtomatikament. Madankollu, biex ma jibqgħux fajls żejda li jaħlu l-ispazju fuq il-hard disk, jaqbillek tħassar il-folder kollu (C:\ZmienPRE) qabel ma tniżżel l-aħħar verżjoni.

## Problemi Komuni

### 1. Għaliex il-karattri ta' l-alfabet Malti mhumiex qed jidhru sewwa?

Il-karattri ta' l-alfabet Malti huma parti integrali mill-fonts Unicode installati mal-Windows 98 u XP. Għaldaqstant dawn għandom jidhru sewwa fuq l-iskrin. Jekk għandek Operating System aktar antika bħal Windows 95 jew qed tuża kompjuter Macintosh, it-tipa mhux se tidher tajjeb. Dan jgħodd ukoll għat-tipa fuq il-fajls tal-PowerPoint.

### 2. Kif nista' nħaddem il-Kwiżż u s-Slide Show?

Il-Kwiżż huwa programm separat mill-websajt, u għaldaqstant jaħdem separatament mill-Internet Explorer.

- Ikklikkja fuq il buttuna biex tibda l-Kwiżż.
- Meta tidher kaxxa bħal t'hawn fuq, għażel 'Run this program from its current location' u kklikkja OK. F'xi verżjonijiet ta' Internet Explorer tista' ssib minflok il-buttuna 'Open'.
- Fit-tieqa li jmiss, ikklikkja fuq Yes.
- Biex tagħlaq il-programm, sempliċement ikklikkja fuq is-salib fil-quċċata tal-lemin tal-programm.

Biex iżżomm il-programm fuq il-kompjuter u għalhekk ma jkollokx bżonn titla' fuq l-Internet kull darba biex tużah, tista' tagħżel minflok 'Save'. Ftakar fejn tniżżel il-programm fuq il-kompjuter biex imbagħad issibu malajr.

Kun ċert li qabel ma tuża l-programm tniżżel il-fajl MSVBVM60.dll, speċjalment jekk qed taħdem bil-Windows 98, għax inkella l-programm ma jaħdimx.

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.

## 3. Kif nista' nipprintja l-worksheets u l-attivitajiet l-oħra?

L-ewwelnett, il-worksheets u l-attivitajiet l-oħra stampati li għandhom x'jaqsmu ma' iż-Żmien Pre-istoriku huma fajls li jistgħu jinqraw permezz tal-programm Acrobat Reader. Għaldaqstant kun ċert li l-Acrobat Reader huwa nstallat fuq il-kompjuter.

Biex tkun taf kif tinstalla l-Acrobat Reader irreferi għas-sezzjoni ta' Installazzjoni.

Meta jkollok l-Acrobat Reader installat, mur fil-paġna ta' Taħriġ, Logħob u Attivitajiet (il-buttuna qiegħda fid-Daħla tal-programm).
Ikklikkja fuq il-worksheet jew attivita' li trid.

Stenna sakemm l-Acrobat Reader itella' d-dokument fuq l-iskrin.
Malli jidher id-dokument fuq l-iskrin, tara wkoll filliera ġdida ta' buttuni fl-Internet Explorer. Fosthom hemm waħda biex tipprintja d-dokument. Ikklikkja fuqha.

Agħżel is-setting tal-printer kid trid, u kklikkja OK.

Il-materjal stampat kollu li qiegħed ma' Iż-Żmien Pre-istoriku huwa ħieles minn kwalunkwe copyright, u għaldaqstant tista' tiffotokpjah skond il-bżonn għall-użu fil-klassi.

Jekk trid tniżżel id-dokument fuq il-kompjuter tiegħek ħalli tużah off-line, tista' tikklikkja fuq il-buttuna tad-diska ż-żgħira, u tissejvjah fejn trid fuq il-kompjuter.

Biex tmur lura għall-paġna ta' Logħob u Taħriġ, ikklikkja fuq il-Back Button ta' l-Internet Explorer.

## 4. Għaliex ma nistax nara l-worksheets fuq l-iskrin?

Il-worksheets u l-attivitajiet l-oħra stampati li għandhom x'jaqsmu ma' iż-Żmien Pre-istoriku huma fajls li jistgħu jinqraw permezz tal-programm Acrobat Reader. Għldaqstant jekk id-dokumenti mhux qed jidhru fuq l-iskrin, sinjal li Acrobat Reader għadu mhuwiex installat.
Biex tkun taf kif tinstalla l-Acrobat Reader, irreferi għas-sezzjoni Installazzjoni.

## 5. Il-programm mhux qed jidher sħiħ fuq l-iskrin. X'nagħmel?

Dan jiġri jekk il-kompjuter tiegħek qed jaħdem bil-Windows 98. Il-Windows 98 għandu żewġ 'resolutions' komuni biex juri l-affarijiet fuq l-iskrin. 'Resolution' hija n-numru ta' pixels (tikek ta' dawl) li b'kollox joħolqu l-istampa li naraw. L-aktar żewġ 'resolutions' komuni jużaw 640 x 480 pixels u 800 x 600 pixels.

Iż-Żmien Pre-istoriku ġie mfassal biex jaħdem fuq 'resolution' ta' 800 x 600 pixels. Dan ifisser li hemm aktar pixels fuq l-iskrin, u jidhru aktar affarijiet. Iżda jekk il-kompjuter tiegħek huwa ssettjat għal 'resolution' ta' 640 x 480, parti mill-iskrin fuq il-lemin u isfel mhux se jidher.

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.




640 x 480 pixels




800 x 600 pixels

Biex tissettja l-kompjuter għal 'resolution' ta' 800 x 600 agħmel hekk:

- Mexxi l-maws 'l isfel lejn il-lemin ta' l-iskrin, u kklikkja BIL-BUTTUNA TAL-LEMIN fuq l-istampa tal-monitor (Display).
- Suppost jidher menu b'lista ta' settings. Mexxi l-maws fuq il-lista, u kklikkja fuq 800x600 True Color (32 bit).

Skond kif inhuwa ssettjat il-kompjuter, jista' jaqleb awtomatikament għar-'resolution' il-ġdida, jew jitolbok biex terġa' tistartja l-Windows.

## 6. Anki bir-resolution ta' 800 x 600, xi attivitajiet 'on-screen' mhux qed jidhru sħaħ. Kif nagħmel?

Ċerti partijiet tal-programm, speċjalment dawk li jagħmlu użu mix-Shockwave u l-PowerPoint, jistgħu ma jidhrux sħaħ (jew zgħar) fuq l-iskrin anke jekk dan ikun issettjat fuq 'resolution' ta' 800 x 600 pixels. Dan huwa normali. Biex tkun tista' tara aktar mill-programm, tista' tneħħi ħafna mill-fillieri ta' buttuni ta' l-Internet Explorer. Dan tista' tagħmlu billi tagħfas il-buttuna F11 fuq il-keyboard.




Qabel ma tagħfas F11




Wara li tagħfas F11

Tista' terġa' ġġib l-iskrin kif kien oriġinarjament billi terġa' tagħfas F11. Din taħdem ukoll fuq il-Browsers l-oħra kollha.

## 7. Il-programm għandu kuluri strambi jew mhux realistiċi. Għaliex?

L-istess, dan se jiġri jekk qed taħdem bil-Windows 98. Jista' jkun li minħabba xi programmi oħra li tkun qed tuża fuq il-kompjuter, is-setting tal-kulur tal-monitor ikun fuq 256 Color.

Minħabba f'hekk, l-istampi tal-programm ma jkunux qed jidhru bil-kulur oriġinali tagħhom. Iż-Żmien Pre-istoriku ġie mfassal biex jaħdem fuq True Color (24 bit jew 32 bit). Id-differenza fid-dehra tal-programm tista' taraha fl-istampi t'hawn taħt.

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.




Il-programm kif jidher b'256 kulur




Il-programm kif jidher bi True Color (32 bit)

Biex tissettja l-kulur tal-monitor għal True Color, agħmel hekk:

- Mexxi l-maws 'l isfel lejn il-lemin ta' l-iskrin, u kklikkja BIL-BUTTUNA TAL-LEMIN fuq l-istampa tal-monitor (Display).
- Suppost jidher menu b'lista ta' settings. Mexxi l-maws fuq il-lista, u kklikkja fuq 800x600 True Color (24 jew 32 bit).

Skond kif inhuwa ssettjat il-kompjuter, jista' jaqleb awtomatikament għar-'resolution' il-ġdida, jew jitolbok biex terġa' tistartja l-Windows.

Jekk il-monitor tiegħek għandu l-kapaċita' jiflaħ 32 bit Color, issettjah fuq dan biex tara l-istampi fl-aħjar tagħhom.

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.

**Fuq Windows XP m'għandux ikollok problemi bil-kulur, anke jekk dan ma jkunx issettjat għal 32 bit.**

## 8. Kif immur minn post għal ieħor fuq l-iskrin?

**Biex tkun taf kif is-sezzjonijiet tal-websajt huma maqsumin, mur fil-Werrej Generali.**

**Biex tkun taf x'ifissru l-buttuni varji uzati fil-websajt, iccekkja t-Tabella tal-Buttuni hawn taħt.**

| Il-Buttuni Ewlenin | | | |
|---|---|---|---|
| Is-Sisien ta' l-Istorja ta' Malta | Slajds tat-Tempji Megalitiċi | Xogħol, Logħob u Attivitajiet | Tabella taż-Żmien |
| Tagħrif Bażiku | Għajnuna | Werrej Ġenerali | Werrej Ewlieni (Home) |
| **Buttuni f'Sisien l-Istorja ta' Malta u Slajds tat-Tempji** | | | |
| Il-Bidu tas-Sezzjoni | Paġna lura fis-Sezzjoni | Paġna 'l quddiem | L-aħħar paġna fis-sezzjoni |
| **Buttuni f'Taghrif, Loghob u Attivitajiet Ohra** | | | |
| Diskussjonijiet fil-Klassi | Siti fuq l-Internet (Links) | Proġetti mill-Iskejjel | Ċejċikiet Oħra |

## 9. Il-kummentarji fil-programm ma jinstemgħu xejn. Kif nagħmel?

**X'aktarx għandek il-volum ta' l-ispeakers tal-kompjuter baxx ħafna jew mitfi għal kollox.**




- **Niżżel il-maws 'l isfel lejn ir-rokna tal-lemin ta' l-iskrin, u bil-BUTTUNA TAL-LEMIN ikklikkja fuq l-istampa ż-żgħira tal-loud speaker.**
- **Malli toħroġ il-handle tal-volum, tellagħha 'l fuq bil-maws.**
- **Ara li l-kaxxa ta' ħdejn 'Mute' ma tkunx ittikkjata.**

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.

# Ideat għall-Klassi

## Użu tal-Programm

Il-Programm jista' jintwera lit-tfal ftit ftit, mhux waqt sessjoni waħda. Fassal lezzjonijiet madwar taqsimiet partikulari, biex tespandihom u tagħti ċans lit-tfal jiddiskutuhom aktar.
Per eżempju, aqbad it-taqsimiet ewlenin u ddedika sessjoni għal kull waħda:

- Sisien (Tagħrif bażiku);
- Fdalijiet taż-Żmien Pre-istoriku;
- Mod ta' għajxien ta' dawk iż-żminijiet;
- It-tempji megalitiċi;
- L-ewwel nies li ġew Malta.

Ftakar li dawn is-sezzjonijiet huma kollha parti mis-Sillabu uffiċjali.

## Attivitajiet

Hemm żewġ tipi ta' attivitajiet:

- Attivitajiet Online

Dawn huma attivitajiet li tista' taħdem fuq il-kompjuter.
Hemm tipi differenti, li jistgħu jkunu adattati kemm għal xogħol fi gruppi kif ukoll għal individwi. Jistgħu jinħadmu wkoll fuq il-monitor il-kbir ħalli tipparteċipa l-klassi kollha.
Il-Kwiżż jista' jintlagħab aktar minn darba. Kull darba jagħti għaxar mistoqsijiet, li jtellagħhom bix-xorti minn database ta' mistoqsijiet. Għaldaqstant, il-mistoqsijiet li jitilgħu f'kull logħba mhux dejjem ikunu l-istess. Il-Kwiżż l-aħjar li jsir bħala reviżjoni wara li jkunu saru s-sessjonijiet kollha. Għalkemm il-Kwiżż jista' jintlagħab minn individwi jew gruppi (speċjalment bl-attivita' Ibni Stampa fl-aħħarnett), tkun idea tajba li torganizza wieħed fl-aħħar bejn il-gruppi tal-klassi, fuq il-monitor il-kbir.
Dan igħodd ukoll għall-attivita' Sib It-Tempju. Din tgħin lit-tfal jiftakru l-lokalitajiet ta' ftit mill-inħawi pre-istoriċi l-aktar importanti f'Malta u Għawdex. L-istess, tista' tiġi organizzata bħala logħba bejn individwi jew gruppi.

- Attivitajiet Stampati

Dawn huma proġetti, worksheets kif ukoll handouts li tista' tipprintja u tiffotokopja għall-użu fil-klassi. Billi dan il-materjal huwa kollu ħieles minn kwalunkwe copyright, tista' tagħmel kemm hemm bżonn għall-klassi kollha.

Huwa ideali ħafna għax-xogħol parallel li jkun qed isir mill-kumplament tal-klassi waqt li xi tfal ikunu qed jagħmlu t-tiftix jew jaħdmu l-attivitajiet l-oħra fuq il-kompjuter.

Fil-paġna ta' l-attivitajiet hemm ukoll it-taqsima "Fejn Immorru?". Din hija lista ta' nħawi f'Malta u f'Għawdex li huma ideali għal ħarġa edukattiva tal-klassi.

## Tqassim ta' Xogħol

- Qabbad lil xi gruppi jagħmlu riċerka ffukata fuq aspett partikulari, u jużaw il-programm biex isibu informazzjoni fuq dak l-aspett, u

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.

joħorġu minnu x-xogħol tagħhom. Biex tgħinhom jiffukaw fuq l-oġġett, agħtihom lista ta' mistoqsijiet biex jagħtuk tweġibiet speċifiċi.

- Per eżempju, qabbad żewġt itfal ifittxu t-tifsira ta' ċerti kliem bħal ipoġew, sancta sanctorum, dolmen u menħir.
- Qabbad lil tnejn oħra jfittxu informazzjoni fuq Ġan Franġisk Abela u Temi Zammit.
- Tista' tqabbad ukoll lil xi tfal jagħmlu traskrizzjoni tal-kummentarji dwar l-għajxien fi żmien il-qedem.
- Attivita' li tista' ssir għall-klassi sħiħa tista' tkun id-diskussjoni dwar il-Flintstones (tkun aktar interessanti jekk tiddobba video tal-cartoons biex taraw silta minnha qabel id-diskussjoni).
- Diskussjoni oħra tista' tkun ibbażata fuq l-att vandalu li sar reċenti fuq l-Imnajdra. Din tista' tgħaqqadha ma' l-Ipoġew u l-fatt li dan huwa meqjus bħala wirt internazzjonali, u għaldaqstant għandu jiġi mħares sew. Dan l-argument jista' jgħin biex iddaħħal fit-tfal is-sens ta' rispett lejn il-patrimonju storiku tal-pajjiż. Tista' tmur aktar 'l hinn fid-diskussjoni billi ssemmi l-mod ta' kif ġie restawrat u miftuħ għall-pubbliku l-Ipoġew, u jistax ikun li xi ħaġa simili ssir għall-Imnajdra.

## Kitba u Proġetti oħra

Naturalment il-programm m'għandux jintuża waħdu. Dejjem tista' tirreferi għat-testi uffiċjali pprovduti mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, kif ukoll minn kotba oħrajn.

Is-suġġett fih innifsu jista' jservi ta' tema għal proġett sħiħ. L-attivita' stampata tal-mappa, fejn it-tfal iqasqsu l-mappa u jpoġġu fuqha sinjali fejn jinstabu l-aktar fdalijiet importanti taż-Żmien Pre-istoriku, tista' tħajjar lit-tfal jagħmlu mudell akbar b'materjal ieħor (eż. ġablo jew plasticene), u forsi b'aktar dettall. Jistgħu jżidu wkoll kitba, tpinġija u charts fuq is-suġġett.

Jekk issir ħarġa kulturali marbuta mas-suġġett, il-proġett jista' jinkludi wkoll ritratti li jittieħdu waqt il-ħarġa kif ukoll djarji tal-ħarġa miktubin mit-tfal stess.

Wara li tkun saret diskussjoni dwar l-ewwel nies f'Malta u l-mod kif kienu jgħixu, it-tfal jistgħu jiktbu silta billi jimmaġinaw li huma Ġinubuġinu (karattru li huwa mistoħbi x'imkien fil-programm). Malli jsibu fejn qiegħed mistoħbi, jistgħu jiddeskrivu kif jimmaġinaw li kien isib ruħu u kif kien igħix f'dak l-ambjent.

## Dokumentarji tal-PowerPoint

Din-websajt għandha sensiela ta' Slide Shows tal -PowerPoint li jistgħu jintużaw bħala speċi ta' dokumentarji qosra. Dawn huma:

- Ir-Rivoluzzjoni Neolitika
- Il-Ħajja fil-Pre-istorja
- Il-Bini tat-Tempji
- Il-Vantaġġi fil-gżejjer Maltin żmien il-Pre-istorja

Dawn huma ideali bħala introduzzjoni għas-sessjonijiet varji tal-suġġett, biex turihom fuq il-monitor il-kbir tal-klassi u tibda diskussjoni bihom. Tajjeb li tkun taf li billi dawn huma fajls tal-PowerPoint tista' tużahom indipendetement mill-websajt, billi tniżżilhom fuq il-kompjuter jew laptop tiegħek u tħaddimhom għalihom. Għaldaqstant tkun tista'

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.

tużahom meta trid anke jekk ma tkunx imqabbad ma' l-Internet. Biex tkun taf kif tniżżilhom fuq il-kompjuter u jaħdmu sew, ikklikkja hawn.

## Is-Sillabu tas-Sitt Sena

Din il-websajt hija bbażata fuq is-Sillabu l-ġdid tal-Primarja li ħareġ fl-2005. L-argument ikopri l-ewwel sezzjoni tas-Sillabu Ta' l-Istudji Soċjali - Ambjent Storiku (Sezzjoni 6.1 - Iż-Żmien Pre-Istoriku u l-Ewwel Nies li għexu f'Malta) u l-Miri ta' Tagħlim kollha li jaqgħu taħtha:

- 6.1.1: Li l-istudenti jkunu jafu fuq l-ewwel nies f'Malta u x-xogħol tagħhom.
- 6.1.2: Li l-istudenti jifhmu għala Għar Dalam hu importanti fl-istudju tal-pre-istorja ta' Malta.
- 6.1.3: Li l-istudenti jifhmu li l-bniedem beda jagħmel progress kbir minn dak iż-żmien meta ma kellu l-ebda kumditajiet.
- 6.1.4: Li l-istudenti jkollhom tagħrif dwar il-fdalijiet pre-istoriċi li nstabu u jkunu jafu jinterpretaw dawn il-fdalijiet.

Ikklikkja hawn biex tniżżel fajl PDF ta' din il-parti tas-Sillabu.

### 6.1.1: Li l-istudenti jkunu jafu fuq l-ewwel nies f'Malta u x-xogħol tagħhom.

L-istudenti għandhom ikunu jafu li

- l-ewwel nies ġew minn Sqallija billi dan kien l-aktar post fil-qrib. Huma ġew fuq xi ċatra jew speċi ta' raft.
- l-ewwel xogħol tagħhom kien ta' xi bdiewa, ragħajja, kaċċaturi jew sajjieda.
- l-għanijiet ta' l-ewwel nies fix-xogħol tagħhom kien li joħolqu għajxien tajjeb għalihom u għal nieshom, jiksbu tagħrif biex inaqqsu t-tbatija u joħolqu ħwejjeġ sbieħ.

### Ikunu jafu dwar it-twemmin reliġjuż ta' l-ewwel nies f'Malta.

L-istudenti għandhom ikunu jafu li

- dak iż-żmien in-nies li kienu jgħixu f'Malta kienu jaduraw allat foloz.
- huma kienu bnew ħafna tempji differenti lil dawn l-allat.
- huma kienu jużaw ġebel kbir u li dan il-ġebel kienu jeħduh minn post għall-ieħor billi jġorruh fuq ġebel tond iżgħar.
- li nstabu fdalijiet differenti ta' dawn l-imqades f'postijiet differenti f'pajjiżna.

Referenza: Id-Denfil 6, Paġni 32-36, 48-50.

L-istudenti għandhom jkunu jafu fuq l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni u t-tempju tal-Ġgantija. Dettalji dwar tempji oħra m'hemmx għalfejn jiġu studjati.

L-istudenti huma mistennija li jkunu jafu xi jfissru dawn il-kliem: menħir, dolmen, Neolitiku, Megalitiku, Ipoġew u 'Sancta Sanctorum'.

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.

## 6.1.2 Li l-istudenti jifhmu għala Għar Dalam hu importanti fl-istudju tal-pre-istorja ta' Malta

**L-istudenti għandhom jifhmu li:**

- **kien hemm żmien li ma għandna xejn bil-miktub dwaru u li nafu fuqu biss mill-fdalijiet li nstabu mill-arkeoloġi.**
- **li Għar Dalam bħala l-akbar xhieda li Malta mhux dejjem kienet gżira. Hemmhekk instabu għadam ġebli jew fossili ta' ippopotami, iljunfanti, ċriev, orsijiet u bhejjem oħra kbar u slavaġ li qatt ma setgħu jgħixu fi gżira hekk żgħira fejn l-ikel u xorb qatt ma kienu biżżejjed.**
- **li għalhekk Malta kienet magħquda ma' l-Ewropa u forsi wkoll ma' l-Afrika.**

**L-istudenti huma mistennija li jkunu jafu xi jfissru l-kliem pre-istorja u arkeoloġija.**

## Li l-istudenti jifhmu il-vantaġġi li sab l-ewwel bniedem f'Malta

**L-istudenti għandhom jifhmu li hawn Malta dawn in-nies sabu vantaġġi kbar. Wħud minn dawn il-vantaġġi kienu li l-klima kienet tajba biex tkabbar l-uċuħ, li kien hemm il-baħar fil-qrib fejn seta' jsir is-sajd, li setgħu jikkaċċjaw u li l-ġebla tal-franka li sabu hawn Malta kienet tajba għall-bini.**

## 6.1.3. Li l-istudenti jifhmu li l-bniedem beda jagħmel progress kbir minn dak iż-żmien meta ma kellu l-ebda kumditajiet.

**Il-progress li beda jsir**

- **fil-għodda li kien juża'.**
- **fil-bini tad-djar tiegħu u fil-bini tat-tempji.**
- **fil-biċċiet tal-baħar li kien juża'.**

## 6.1.4 Ikollhom tagħrif dwar il-fdalijiet preistoriċi li nstabu u jkunu jafu jinterpretaw dawn il-fdalijiet.

- **Il-menħir u d-dolmen.**
- **Tinqix u tpinġija.**
- **Ġiżirani, fajjenza u statwi li nstabu.**

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.

# Ħajr u Referenzi

## Verżjoni kurrenti tal-websajt: 5.1

Drittijiet ta' produzzjoni: (c) Norcomm Software, 2001-2005
Riċerka, kitba, produzzjoni u narrazzjoni
Norman C. Borg

## Ħajr

Altar background: The Times 2nd August 1999;
Slide 1 (c) 1987 J. Ellul; Slide 2 (c) Perfecta Advertising Ltd. Malta; Slide 3 (c) Fotocelere, Torino; Slide 4 (c) MJ Publications; Slide 5 (c) MJ Publications; Slide 6 (c) Sinetmalta; Slide 7 (c) Fotocelere Torino; Slide 8 (c) The Malta Import & Export House; Slide 9 (c) 1987 J. Ellul; Slide 10 (c) Perfecta Advertising Ltd. Malta; Slide 11 (c) 1987 J. Ellul; Slide 12 (c) MJ Publications; Slide 13 (c) Fotocelere Torino; Slide 14 (c) Fotocelere Torino; Slide 15 (c) Perfecta Advertising Ltd. Malta;
Slide 16 (c) Fotocelere Torino; Slide 17 (c) 1987 J. Ellul;
Slide 18 (c) The Malta Import & Export House;
Clipart: Mega 10,000 Clipart Collection, IDG Media;
Disinji fit-Tempji u Fdalijiet: Malta, An Archaelogical Paradise, A. Bonanno, 1990;
Għajxien: Wally's History of the World, (c) GE Fabbri Ltd, 1998;
Tempji: John Kenney (c) 1961 Wills & Hepworth Ltd.,; (c) Click; (c) MJ Publications;
Għar Dalam (c) MJ Publications; pygmy elephant: Zdenek Burian, Hamlyn;
Ġan Franġisk Abela: Dipartiment ta' l-Informazzjoni;
Sir Temi Zammit: Upper Secondary School, Valletta;
Arkeoloġija: John Kenney (c) 1961 Wills & Hepworth Ltd.;
Fossili: (c) 1991 Boxtree

## Software użat

HTML 4.01/XHTML 1.1; Microsoft FrontPage 2003; HyperStudio 3.1; Visual Basic Professional 6.0; Paint Shop Pro 9;
PrecisionScan 1.01; Microsoft Word 2003; Microsoft PowerPoint 2003; Print Shop Essentials 11; Sound Recorder; MicroAngelo

Concept, layout, design, and text copyright © Norman C. Borg and Norcomm Software, 2002-2005
No part of this website may be reproduced in electronic or printed form for commercial use except where otherwise stated.